MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 1313/2002/1

**Antoine Vassallo f'ismu proprju u ezercenti n-negozju bhala Antoine Auto Dealer**

**vs**

**Ali Ibrahim El Dwibi u Theresa Anna El Dwibi**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Mejju 2002 fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu kkundannati ihallsu lill-attur is-somma ta' tlett mija u hamsa u ghoxxrin lira Maltin u hamsa u tmenin centezzmu (Lm325.85) rapprezentanti mport ta' hames kambjali (Dok.1 sa Dok. 5) debitament accettati u ffirmati mill-konvenuti bhala prezz ta' vettura lilhoma mibjugha u kkonsenjata u li d-data taa' maturita' taghhom skadiet.
Bl-imghaxijiet kummercjali u bl-ispejjes kontra l-konvenuti

Ra r-risposta tal-konvenuti fejn huma eccepew illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li d-debitu in

kwistjoni rega’ gie rinegozjat u dan billi Simon Cassar assuma d-dejn kollu u akkwista l-vettura li ghaliha kienu hargu l-kambjali in kwistjoni kif jirrizulta minn dokument anness u mmarkat bhala Dok. A ( ittra mill-Bank of Valletta rigward numru ta’ kambjali migbuda minn Antoine Vassallo u accettati minn Simon Cassar) u Dok. B ( log book tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAP 961 fejn hemm indikat li l-propjetarju ta’ din il-vettura hu Simon Cassar). Ghaldaqstant l-ammont mitlub fl-Avviz mhux dovut.
Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema’ x-xhieda tal-attur, tal-konvenut u ta’ Simon Cassar. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ra l-verbal tas-seduta tal-21 ra’ Jannar 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza.

Ikkunsidra:

Illi l-attur qed jitlob l-kundanna ghall-hlas tal-konvenuti fis-somma ta’ Lm325.85 rapprezentanti mport ta’ hames kambjali ta’ Lm66.01 il-wahda debitament accettati u skaduti izda mill-att processwali jirrizulta li l-attur esebixxa erba’ kambjal fl-ammont ta’’ Lm66.01 il-wahda ( a fol. 25).

Illi l-konvenuti jsostnu li fi Frar 2001 huma xtraw vettura minghand l-attur u ffirmaw sensilea ta’ kambjali in kwantu jrrigwardda l-prezz ta’ din il-vettura. L-konvenut jghid li huwa kien ihallas pagamenti rateali kull xahar u l---attur kien jirritornalu l-pagamenti relattivi. Huwa jsostni wkoll li effetwa l-pagament li skada f’Settembru 2001 izda l-attur mmma kkonsenjalux il-kambjala relattiva. Dejjem skond il-konvenut, f’Novembru 2001 huwa avvicina lill-attur u nfurmah li kien ser jitrasferixxxi l-vettura in kwistjoni lil terz, certu Simon Cassar, u li dan tal-ahhar kien sser ikompli jhallasa il-pagamenti rateali. Mill-kopja tal-‘log book esebita a fol. 11 jirrizulta li t-trasferiment gie effetwat fis-17 ta’ Dicembru 2001. Il-konvenut jghid li dakinhar li saar it-trasferiment huwa hallas lill-attur il-pagamenti rigwardanti l-kambjali li mmaturaw f’Ottubru 2001 u

f’Novembru 2001 u li dan tal-ahhar ma kienx irritornalu l-kambjali relattivi. L-konvenut esebixxa kopja ta’ ‘cheque’ u ta’ ‘bank statement’ ( a fol. 27 u 28) minfejn jirrizulta li fit-2 ta’ Dicembru 2001 huwa kien effetwa pagament ta’ Lm132.05 lill-attur. Huwa esebixxa wkoll kopji tal-kambjali li gew ritornati lilu mill-attur. Dawn il-kopji jirrigwardaw kambjali li mmaturaw bejn Frar 2001 u Awissu 2001.

Illi l-kambjali originali li prezenta l-attur immaturaw bejn Settembru 2001 u Dicembru 2001. Il-konvenut ma gab ebda prova li huwa effettivament effetwa l-pagamenti relattivi ghal dawn il-kambjali. Il-fatt li fit-2 ta’ Dicembru 2001 huwa effetwa pagament lill-attur fl-ammont ta’ Lm132.05 mhux necessrajament ifisser li dan il-pagament kien jirrigwarda dawn l-erba’ kambjali. Dawn il-kambjali jikkostitwixxu l-ahjar prova da partri tal-attur li l-ammont ndikat fihom ghadu dovut lilu mill-konvenuti u kif intqal aktar il-fuq l-istess konvenuti ma ressqu ebda prova konvinti u konklussiva li l-pagament relattiv kien gie effetwat.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici limitatament ghall-ammont ta’ mitejn u erbgha u sittin lira Maltin u erba’ centezmi )Lm264.04) u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur dan l-ammont ta’ ta’ mitejn u erbgha u sittin lira Maltin u erba’ centezmi )Lm264.04), bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv

L-ispejjes ta’ din l-istanza ghandhom jithallsu nterament mill-konvenuti skond il-ligi.

**Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur**

--------------------------------TMIEM--------------------------------